KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

---

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Disgħa u Erbgħin (49)***

***It-Tlieta, 12 ta' Lulju, 2022***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.

*Id-data tal-Laqgħa tal-Kunsill inbidlet minn dik aġġornata waqt Laqgħa Numru 48, wara qbil verbali mill-membri tal-Kunsill kollu.*

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT (attenda f'18:42) |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH (attenda f' 19:15) |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippressjeda l-Laqgħa.

**49.1 Qari ta' l-ittri tal-apoloġiji**

49.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji

**49.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

49.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 48 li nżammet nhar il-Ħamis, 10 ta' Mejju, 2022.

49.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Andreas Gatt bagħat ittra ta' apoloġija għal-Laqgħa li kien assenti għaliha li saret fl-10 ta' Mejju 2022, għaldaqstant jekk il-Kunsill japprova din l-ittra, tista' titniżżel fil-Minuti tal-Laqgħa Numru 48 f'materja Numru 48.1. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

49.2.3 **Mozzjoni 49-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 48 bil-korrezzjoni imniżżla f'materja numru 49.2.2.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 48 ġew approvati unanimament.

**49.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 49(08) – Lulju 2022***

49.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 49(08) permezz cheque numru 7192 (ref. 10412) kif ukoll permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 10403 sa 10444 li jammontaw €26,125.36

49.3.2 **Mozzjoni 49-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 49(08) bl-ammont ta' €26,125.36

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 49(08) ġiet approvata unanimament.

**49.4 Attendenza fil-Laqgħat tal-Kunsill**

49.4.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq din il-materja fuq l-Agenda ta' din il-Laqgħa minħabba li kellna nuqqas ta' attendenza fil-laqgħat ta' dawn is-sitt xhur li għaddew mill-Kunsillier Andreas Gatt.

49.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier Andreas Gatt bagħat ittra fejn talab biex ikun skużat fl-aħħar laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. Għaldaqstant wara li l-Kunsill approva din l-apoloġija, qabel li jinħareġ l-*allowance* tax-xahar li għadda.

49.4.3 F'dan l-istadju, is-Sindku Darren Abela qal li r-raġunijiet dwar l-assenzi tal-Kunsillier Andreas Gatt kienu kollha ġustifikati u għaldaqstant qed jiġi rakkomandat li l-Kunsillier Andreas Gatt jibqa' jokkupa l-kariga tiegħu bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq. Dwar dan kien hemm qbil unanimu. Din ir-rakkomandazzjoni se tiġi mgħoddija lill-Ministru tal-Kunsilli Lokali għall-approvazzjoni tiegħu skond kif titlob il-liġi tal-Kunsilli Lokali Kapitlu 363.

**49.5 Korrispondenza**

49.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar il-ħsieb li jsir villaġġ tal-Milied fuq Santu Rokku u jinħadem bis-suf bħala tkomplija tal-proġett tal-Christmas Tree u l-Presepju. Il-Kunsill qabel li jsir dan il-proġett.

49.5.2 Tressqet kwotazzjoni sabiex issir sistema ta' dawl adegwata fl-uffiċini tal-Kunsill Lokali. L-ispiża hija ta' €1486.80 Il-Kunsill approva.

49.5.3 Tressqu rimbors ta' rċevuti rigward karru li sar għall-Karnival ta' din is-sena. L-ammont huwa ta' €157.60 Il-Kunsill approva l-ħlas.

49.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fadal ammont ta' flus dovuti lill-kuntrattur li kien għamel xogħlijiet ta' *asphalt* taħt Miżura 4.3 li mhumiex koperti mill-miżura. L-ammont li fadal huwa ta' Eur17088.33. Il-Kunsill approva li dan jitħallas.

49.5.5 Is-Sindku Darren Abela informa lill-Kunsill li qed jaħdem sabiex isib ħaddiem minn tal-Airmalta li jkun tajjeb sabiex jaqdi l-irwol ta' Contracts Manager. Kif ikollu konferma l-Kunsill ikun jista' jiltaqa' mal-ħaddiem sabiex isiru d-diskussjonijiet dwar dan l-irwol.

49.5.6 Saret referenza għall-*Enforcement notice* li hemm f'Wied ta Ħas-Saptan dwar illegalitajiet imwettqa. Ġejna avviċinati minn avukat ġdid li qed juri interess li jirrappreżenta l-Kunsill f'dan il-każ. L-istima hija ta' €75 is-siegħa (VAT inkluża). F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li tinġieb iktar informazzjoni qabel nipproċedu dwar dan il-każ.

49.5.7 Tressqu diversi lmenti rigward il-ġbir ta’ skart minħabba li qed jinġabar tard speċjalment it-Tnejn meta jkun hemm żewġ boroż. Apparti dan il-kuntrattur qed igeddeż il-boroż quddiem bibien tan-nies u garaxxijiet. Dan qed ikun ta’ nkonvenjent kbir u qed ikollna ħafna ilmenti. Il-Vici Sindku Christine Dalli waqt il-laqgħa għamlet kuntatt dirett mal-kuntrattur permezz ta’ telefonata fejn wara li inġibdet l-attenzjoni dwar dawn l-ilmenti, il-kuntrattur qal li se jkun qed jinforma lill-ħaddiema tiegħu sabiex inaqqsu dawn l-ilmenti. Rigward il-knis, il-Kunsill qabel li jerġa jibgħat korrispondenza lill-Ministru rigward it-talba li l-Kunsill għamel lid-Dipartiment sabiex jiġu mpjegati żewġ kenniesa u li din ma ġietx aċċettata.

## 49.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>

49.6.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex issir bandla għal-tfal li jagħmlu użu minn wheelchair.Il-Kunsill qabel li għandha tinġieb stima u f’każ li l-Kunsill japprova, din issir fi Ġnien il-Kunsill.

49.6.2 Is-Sindku Darren Abela ippropona li t-talba sabiex isir bandli b’logħob tipikament Malti, tiġi mgħoddija lill-Ministru Owen Bonnici sabiex jgħinha nwettqu dan il-ħsieb u l-proġett.

49.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn titranġa l-ħamrija tal-bandli l-ġdid minħabba li fiha ħafna ġebel u ma tantx tista tintuża biex jinżergħu pjanti. Il-Kunsill qabel li jekk hemm bżonn, tinġieb ħamrija ġdida.

49.6.4 Is-Sindku Darren Abela ppropona biex jingħata l-konkos fejn il-funtana ta’ Dawret Ħal Għaxaq, iżda dan għandu jsir b’ *imprinted concrete*. Il-Kunsill qabel li tinġieb stima.

*F’dan l-istadju tal-Laqgħa attenda l-Kunsillier Andreas Gatt (18:42PM)*

49.6.5 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mingħand resident sabiex jingħata permess li jidħol bil-vann tiegħu personali fi Triq il-Fidloqqom bil-kontra. Din it-triq hija *one way* u mhix tippermetti li l-persuna li qed tagħmel użu minn *wheelchair* titla’ min-naħa tal-bankina. Għaldaqstant is-Sindku propona li nagħmlu talba lill-Transport Malta sabiex dan il-persuna jingħata aċċess li juża t-triq bil-kontra, minħabba l-*wheelchair*.

49.6.6 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba mingħand il-Klabb tal-Bocci sabiex jorganizzaw Attivita’ u qed jitolbu xi għajnuna. Is-Sindku kompla fejn qal li se jara x’inhi t-talba u titressaq fil-laqgħa li jmiss.

49.6.7 Is-Sindku Darren Abela qal li l-Perit Avallone daħħal ir-rapport li kellu jsir tas-CRPD, rigward il-Miżura Numru 4. Il-Kunsill qabel li jitħallas.

49.6.8 Is-Sindku Darren Abela qal li S-Segretarju Parlamentari Alicia Bugeja Said qed titlob laqgħa oħra minħabba li kien hemm xi punti li ma ġewx diskussi fil-laqgħa li kellna. Il-Kunsill approva.

49.6.9 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex fi Triq it-Tgezwira jitħalla aċċess għan-nies biex jgħaddu u nagħmlu *pots* jew ħadid biex il-karozzi pparkjati jħallu aċċess għan-nies. Il-Kunsill qabel li nibgħatu għall-permess sabiex jitpoġġew ħawtijiet tal-ġebel u nġibu stima tagħhom.

49.6.10 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm siġra fis-*central strip* quddiem Brownrigg li hemm bżonn tintrabat minħabba li qed tnaqqas il-vista' lis-sewwieqa.

49.6.11 Is-Sindku Darren Abela qal li hu ma taha l-ebda permess biex jitilgħu il-karozzi jipparkjaw fuq Santu Rokku.

49.6.12 Is-Sindku Darren Abela informa li l-i*stage* għall-Kunċert ta' Santa Marija se jsir fil-fetħa ta' Triq Barbazzal minflok fil-*ground.* Rigward it-tindif il-Kunsill qabel li jimxi bħal ma mexa fil-Kunċerti ta' San Ġużepp u jitlob lill-Cleansing biex inaddfu darba bejn iż-żewġ kunċerti.

49.6.13 Is-Sindku Darren Abela qal li il-laqgħa tar-Reġjun issemma it-Tender li nħareġ mill-AKL rigward il-kontroll tal-ħamiem. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-AKL sabiex jekk terġa tinħareġ sejħa oħra, il-Kunsill jipparteċipa.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech (19:14pm)*

**49.7 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>**

49.7.1 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment rigward xi drenaġġ li ħiereġ fi Triq il-Bwar ma Dawret Ħal Għaxaq. Se jittieħdu r-ritratti u jiġi rrapurtat.

49.7.2 Il-Kunsilliera Rose Agius ressqet ilment sabiex titranġa l-bankina ta' fejn il-Convenience Shop fi Vjal il-Labour. Is-Sindku qal li se jgħid lill-ħaddiema.

49.7.3 Il-Kunsillier Keith Fenech ressaq ilment rigward qtugħ ta' ħaxix fi Triq Ħas-Saptan. Is-Sindku qal li se jsir iżda bħalissa il-qtugħ ta' ħaxix qed isir f'żoni residenzjali.

49.7.4 Il-Kunsillier Keith Fenech informa lill-Kunsill li tqassmu l-*flyers* rigward il-petizzjoni tal-kamra tan-nar ta' Ħal Tarxien. B'kollox kien hemm xi spejjeż involuti li m'għandhomx jammontaw għal iktar minn €600.

49.7.5 Il-Vici Sindku Christine Dalli pproponiet li jinxtraw żewġ siġriet għall-pots li hemm fejn il-Principessa Pastizzeria f'Dawret Ħal Għaxaq. Il-Kunsill approva.

**49.8 Mozzjonijiet**

49.8.1 Annessi mal-Minuti

**49.9 Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

49.9 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Ħamis 4 ta' Awwissu 2022 fil-5.30pm

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.00pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 49**

**Mozzjoni Ref:** 49-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 48

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 12 ta' Lulju 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 49**

**Mozzjoni Ref:** 49-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 49/08

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 12 ta' Lulju 2022

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**